

Brussell, 24 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5451/22

COPS 25
POLMIL 10
EUMC 19
CIVCOM 6
CFSP/PESC 50
CSDP/PSDC 26
CONUN 18

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5269/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-teħid tas-sħubija strateġika NU-UE dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet għal-livell li jmiss: prijoritajiet għall-2022-2024

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-teħid tas-sħubija strateġika NU-UE dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet għal-livell li jmiss: prijoritajiet għall-2022-2024, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Jannar 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar it-teħid tas-sħubija strateġika NU-UE dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet għal-livell li jmiss: prijoritajiet għall-2022-2024

1. Il-Kunsill itenni l-impenn sod tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jirrispettaw l-ordni globali multilaterali bbażat fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-qalba tiegħu, f'konformità mal-Karta tan-NU. Il-Kunsill ifaħħar il-kisbiet u jirrikonoxxi n-natura reċiprokament vantaġġuża tal-kooperazzjoni fit-tul bejn in-NU u l-UE dwar iż-żamma ta' paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet b'mezzi ċivili, tal-pulizija u militari. Il-kuntest globali li qed jinbidel definit minn kriżijiet dejjem aktar kumplessi u ambjent ta' theddid li qed jevolvi, inkluż theddid ibridu, jeħtieġ rispons ambizzjuż, multidimensjonali u kollettiv li jqiegħed is-sħubija strateġika NU-UE dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qalba ta' multilateraliżmu rivitalizzat f'network.
2. Il-Kunsill jilqa' d-dimensjoni tal-paċi u s-sigurtà tar-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, "L-Aġenda Komuni Tagħna", li jipproponi "aġenda ġdida għall-paċi" u, fost rakkomandazzjonijiet importanti oħra, jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lis-sħubiji. L-UE ser timpenja ruħha b'mod attiv biex tmexxi 'l quddiem din l-aġenda u l-oqsma ewlenin identifikati tagħha ta' (1) tnaqqis tar-riskji strateġiċi, (2) tisħiħ tal-previżjoni internazzjonali, (3) tfassil mill-ġdid tar-reazzjonijiet tagħna, (4) investment fil-prevenzjoni u l-konsolidazzjoni tal-paċi, (5) appoġġ għall-prevenzjoni reġjonali u (6) tqegħid tan-nisa/bniet fil-qalba tal-politika ta' sigurtà. Is-sħubija man-NU tikkontribwixxi għar-rwol tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà u attur ta' paċi u sigurtà globali b'appoġġ għal multilateraliżmu effettiv. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti Laqgħat regolari tal-Mexxejja UE-NU. L-UE tipprovdi appoġġ politiku lin-NU kif ukoll għarfien espert, appoġġ finanzjarju u ingranaġġ politiku biex jinkisbu riżultati b'rabta mal-mandati tan-NU. Il-kooperazzjoni mill-qrib tgħin lill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tan-NU u tal-UE jaġixxu b'mod aktar effettiv biex jiżguraw impatt fuq il-post; għandha effett multiplikatur u tippermetti lill-UE tikseb riżultati konkreti fl-approċċ integrat tagħha. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar it-tisħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq

ir-regoli¹ u b'mod partikolari s-sejħa tagħha li jingħata appoġġ lill-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Azzjoni dwar iż-Żamma ta' Paċi billi tiġi aġġornata s-sħubija NU-UE dwar il-ġestjoni ta' kriżijiet u l-operazzjonijiet ta' paċi. L-UE tapprezza din is-sħubija u ser taħdem biex turi l-unità bejn l-UE u n-NU f'dan il-kuntest, inkluż permezz ta' dikjarazzjonijiet konġunti ta' livell għoli skont il-każ. Hija ttenni wkoll l-importanza li titkompla l-kooperazzjoni Ewropea mill-qrib fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU f'konformità mal-Karta tan-NU.

3. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġġedded u tiġi approfondita s-sħubija strateġika NU-UE dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet u japprova l-prijoritajiet kondiviżi NU-UE għall-2022-2024². Huwa jilqa' l-ambitu estiż tal-prijoritajiet bil-għan ta' reazzjoni aktar effettiva għax-xenarju ta' theddid li qed jevolvi, l-isfidi trażversali u l-multiplikaturi tal-kriżijiet bħat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, it-theddid ġdid u emerġenti, inkluż it-teknoloġiji fiżkiela u l-miżinformazzjoni kif ukoll il-pandemija globali tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li r-rabta bejn it-tibdil fil-klima, il-paċi u s-sigurtà qed tiġi integrata fil-prijoritajiet konġunti kollha tan-NU u l-UE.
4. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tas-soluzzjonijiet politiċi u l-oqfsa politiċi biex jiġu ggarantiti l-paċi u s-sigurtà f'kuntesti ta' missjoni, il-Kunsill jagħraf il-ħtieġa li tissaħħaħ aktar id-dimensjoni politika tas-sħubija NU-UE u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-prevenzjoni ta' konflitti f'operazzjonijiet ta' paċi u dwar l-appoġġ għal proċessi politiċi permezz ta' ingranaġġ aħjar tas-sett ta' għodod tan-NU u tal-UE, b'mod partikolari biex it-twissija bikrija tissarraff f'azzjoni bikrija u tiġi appoġġata l-paċi sostenibbli, inkluż permezz ta' aktar analiżijiet konġunti u messaġġi konġunti.

¹ Dok. 6312/2021.

² Dok. 14196/1/21 REV 1, datat l-10 ta' Diċembru 2021.

5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jilqa' l-attenzjoni akbar għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali fil-prijoritajiet kollha UE-NU, inkluż l-enfasi speċifika fuq it-tisħiħ tal-konformità u l-ġlieda kontra l-impunità. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru kif ukoll kontra l-isfruttament u l-abbuż sesswali. Huwa jissottolinja l-importanza tal-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili fl-ambjent li qed jevolvi tal-operazzjonijiet ta' paċi internazzjonali. Huwa jirrikonoxxi wkoll ir-rilevanza tal-protezzjoni tal-wirt kulturali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u konflitti.
6. Il-Kunsill jilqa' l-inklużjoni tat-tfal u l-konflitti armati bħala prijarità trażversali, u jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu u jiġu kkoordinati l-isforzi u l-kooperazzjoni fil-livelli tal-kwartieri ġenerali u dawk operazzjonali biex jintemm u jiġu pprevenuti l-vjolazzjonijiet kontra t-tfal u jingħata kontribut biex jitkisser iċ-ċiklu ta' vjolenza u jiġu promossi u protetti d-drittijiet kollha tal-bniedem.
7. Il-Kunsill jilqa', bħala prijarità trażversali, l-attenzjoni akbar għall-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh fi kwistjonijiet relatati mal-paċi u s-sigurtà u l-inklużjoni tal-aġenda għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà u jappella għal aktar sforzi biex din il-parteeipazzjoni ssir operazzjonali.
8. Il-Kunsill jilqa' l-impenn li jissaħħu l-isforzi konġunti bejn in-NU u l-UE dwar l-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS) u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala prijaritajiet trażversali u djalogu kontinwu dwar id-WPS u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha, minn dak politiku għal dak operazzjonali. Dan il-programm trasversali jiffoka fuq ir-rwol ewlieni tan-nisa fis-sejbien ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-esperjenzi u ċ-ċirkostanzi tagħhom, u fuq l-applikazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi għall-prevenzjoni u r-risponsi tal-kunflitti. Hija tappella għal sforz akbar biex jiġi aċċellerat it-twetliq ta' dan l-impenn politiku permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fuq il-post, l-iżgurar tal-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneri fl-attivitajiet kollha kif ukoll parteeipazzjoni akbar u rwol imsaħħaħ tan-nisa fl-operazzjonijiet ta' paċi, fil-proċessi politiċi u ta' paċi, fil-prevenzjoni tal-kunflitti, fil-medjazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-paċi. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u tan-nisa li jaħdmu favur il-konsolidazzjoni tal-paċi u biex jiġu indirizzati t-theddid, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskors ta' mibegħda kontribom.

9. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li titkompla u tissaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali sistematika fil-livell ċentrali u fuq il-post bil-ħsieb li jiġu żgurati l-komplementarjetà, is-sinerġiji u ż-żieda fl-effettività u l-effiċjenzi tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet rispettivi tal-UE u tan-NU, inkluż permezz tal-kondiviżjoni tal-assi u l-ġhoti ta' appoġġ għall-missjonijiet abbażi tal-Ftehim Qafas NU-UE għall-ġhoti ta' appoġġ reċiproku³. Huwa jappella għal aktar sforzi biex jiġu intensifikati sħubiji ta' benefiċċju reċiproku, inkluż fost l-oħrajn fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili, permezz tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, kif ukoll fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari. Huwa jilqa' l-enfasi akbar fuq l-integrazzjoni tal-aspetti relatati mal-klima u l-ambjent fl-analiżi u l-mekkaniżmi ta' twissija bikrija kif ukoll fl-ippjanar operazzjonali, il-kondotta u l-loġistika.
10. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma konġunta li għaddejja bejn in-NU u l-UE dwar it-tranżizzjonijiet u l-impenn biex din tavvanza aktar, permezz tal-identifikazzjoni ta' modi ta' azzjoni komplementari fil-livell tal-pajjiż u dak reġjonali matul l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tat-tranżizzjoni tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tan-NU u tal-UE, bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-kisbiet tagħhom.
11. Il-Kunsill jirrikonoxxi li għandha tiġi ddedikata aktar riflessjoni għal kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri tal-UE bil-għan li jissaħħu l-effettività u l-prevedibbiltà tal-appoġġ u l-kontribut tagħhom għall-operazzjonijiet ta' paċi tan-NU u l-Inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali tan-NU ta' Azzjoni dwar iż-Żamma tal-Paċi Plus. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' l-idea li jiġu proposti modalitajiet għal sistemi ta' rotazzjoni informali tal-UE b'appoġġ għaż-żamma tal-paċi tan-NU, għall-appoġġ għal operazzjonijiet ta' tranżizzjoni b'rispons rapidu, u t-tranżizzjonijiet u d-denominazzjoni mill-ġdid tal-forzi.
12. Il-Kunsill ifaħħar il-kisbiet fil-qasam tal-pulizija u jilqa' l-isforzi biex tissaħħaħ is-sħubija dwar ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) u, fejn rilevanti, l-aspetti tad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni, u r-Riintegrazzjoni ta' dawk li qabel kienu ġellieda (DDR), kif ukoll il-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon (WAM) biex tiġi indirizzata l-proliferazzjoni illeċita ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom.

³ Ftehim qafas bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġhoti ta' Appoġġ Reċiproku fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet rispettivi tagħhom fuq il-post. *ĠUL* 389, 19.11.2020.

13. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-isforzi biex tissaħħaħ il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet ta' paċi fuq il-post permezz ta' kooperazzjoni msaħħa u sistematika dwar it-taħriġ u l-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet, inkluż l-eżerċizzji, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' tagħlimiet u prattiki tajbin rilevanti, u jilqa' l-kooperazzjoni aktar mill-qrib u l-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet f'dan il-kuntest.
14. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa bejn l-UE, in-NU u l-Unjoni Afrikana, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra, inizjattivi subreġjonali speċifiċi u pajjiżi sħab rilevanti fil-kuntest tas-sistema multilaterali ġenerali u jappella biex jiġu eżaminati inizjattivi konġunti konkreti possibbli fil-format trilaterali.
15. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza li jiġu żgurati sinerġiji ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħra li joperaw fl-istess post, b'mod partikolari organizzazzjonijiet tas-sigurtà reġjonali u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.
